# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 22

Il-Ħamis, 31 ta' Lulju, 2025

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fl-10.30am.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Jonathan Mercieca – Kunsillier

SKUŻATI:

Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 22.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Il-Kunsilliera Horace Vella u Frankie Attard talbu li jkunu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħat numru 20 u 21. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

22.3.1 Il-Kunsill Lokali irċieva korrispondenza minn naħa tal-Green MT dwar il-Bring-in-Sites, fejn talbu jekk il-Kunsill jaqbilx li jżid l-ammont ta' bins. Il-Kunsill ma qabilx li jiżdiedu l-bins iżda li jitbattlu b'mod aktar frekwenti.

22.3.2 Is-SE ressqet talba li rċevejna mingħand TM sabiex issir Keep Clear/Double yellow lines quddiem gate li tagħti għal xi residenzi fi sqaq fi Triq l-Orkestra tad-Dudi. TM ssuġġeriet ukoll li din l-istess triq issir one way. Il-Kunsill qabel li ssir il-Keep Clear iżda l-one way għalissa tinżamm pendenti peress li qed nistennew survey għat-traffic management għal din it-triq.

22.3.3 Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat illi ntefgħet applikazzoni għal renewal ta' applikazzjoni ta' żvilupp quddiem Għar Gerduf bin-numru PA/06743/19. Il-Kunsill qabel illi għandu jitfa' r-rappreżentazzjoni tiegħu u joġġezzjona.

22.3.4 Ir-Reġjun t'Għawdex bagħat draft tal-Cooperation Agreement for Libraries sabiex jarah il-Kunsill Lokali u jiffirmah. Kien hemm xi punti li l-Kunsill ma qabilx magħhom u għalhekk ser jikteb lir-Reġjun sabiex jinfurmah b'dan.

22.3.5 Ġiet approvat l-iskema Lokalitajiet aktar nodfa minn naħa tad-Dipartiment għal Gvern Lokali b'finanzjament ta' Eur1,500. Din il-clean up ser issir f'Settembru 2025 flimkien ma' Kercem Ajax FC.

22.3.6 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi ġiet il-propjetarja tal-post ta' fejn kien hemm il-kurċifiss taċ-ċomb li llum jinsab ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill Lokali. Hija qed titlob jistgħux ikollhom kopja tiegħu. Is-SE talbet laqgħa ma' Heritage Malta sabiex naraw x'inhi l-possibilta' li jsir 3D scan tiegħu u mbagħad issir kopja.

## 22.4 KCM/01/2025 – Embellishment of Playing Field

Is-Sindku qal illi l-kuntrattur infurmana li ħa żball fl-offerta u meta tkellimna mal-Perit indunat ukoll illi kellha żball fil-kwantitajiet tal-pavimentar u niżżlet ammont ħafna inqas milli propja hemm bżonn. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda illi jwaqqa' l-offerta eżistenti, jemendaha u jerġa' joħroġha. Apparti dan irridu ukoll nitolbu estensjoni lil LESA.

## 22.5 Għad-Dell tal-Akwadott

Is-Sindku qal li għaddejjin il-preparamenti tal-aħħar sabiex intellgħu din l-attivita'. Il-Kunsillier Jonathan Mercieca staqsa dwar il-kwotazzjonijiet tat-trasport peress li Mark Tabone mill-Għaqda Għajn Tuta ġibidlu l-attenzjoni li mhux ser tintgħażel l-irħas waħda. Hawnhekk is-Sindku spjega illi l-Kunsillier Horace Vella li llum ma jinsabx preżenti għal laqgħa, kien ġabar kwotazzjoni għat-trasport li hija ta' Eur1,180 incl VAT għal kull vieġ minn Malta għal Għawdex u mbagħad lura sabiex jiġu trasportati l-inġenji. Wara din il-kwotazzjoni sibna kwotazzjoni oħra ta' Eur350 għal kull vieġ u għalhekk naturalment ser tintgħażel l-irħas.

## 22.6 SPI/SCI/07/2025 – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'

Is-Sindku qal li din l-iskema fetħet u għalqet u kif kif maqbul, il-Kunsill applika għal trakk bil-high up, street sweeper, bobcat żgħir u vacuum.

## 22.7 Ilmenti u Suġġerimenti

22.7.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li minħabba t-tisqija li qed issir madwar ir-raħal, il-ġibjun tal-Għadira jibda jimtela' minn Horace Vella. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

22.7.2 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca ressaq dawn il-punti:

- Staqsa dwar il-bank ta' Triq il-Kalandrijiet. Huwa ġie nfurmat illi dan sibna bħalu u ser nordnawh għall-prezz ta' Eur676.16.
- L-Għaqda Għajn Tuta talbu sabiex isiru t-tappieri tal-antarjoli bil-cups. Il-Kunsill Lokali ma laħaqx qbil.
- Talab li jikri garage minn tal-Kunsill Lokali f'isem l-Għaqda Nar Kercem. Is-Sindku qal li diġa' hemm wieħed li mhux jinkera iżda qed jitfgħu xi affarijiet ġo fih ta' Kercem Ajax FC. Għalhekk sar qbil li jitkellmu ma' Kercem Ajax FC.

22.7.3 Il-Viċi Sindku ressqet dawn it-talbiet:

- Li jsiru sinjali 'SLOW' u speed limit fi Triq Qasam San Ġorġ. Il-Kunsill qabel ma' dan u ser ngħaddu t-talba lil TM;
- Li l-Kunsill iħallas videographer u nagħmlu clip fuq il-magna tad-dris sabiex jintuża bħala reklam għall-attivita' Għad-Dell tal-Akwadott. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 22.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 22.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet f'12.00pm u ġiet aġġornata għat-28 ta' Awwissu 2025, f'12.00pm.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv